



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7389/23
ADD 1
LIMITE
PV CONS 11
SOC 179
EMPL 128
SAN 137
CONSOM 79

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)

13 u 14 ta' Marzu 2023

WERREJ

Pàġna

IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

5. Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri jirratifikaw
il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju (Nru 190) tal-ILO tal-2019 3

ANNES - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill 4

**5. Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri
jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju
(Nru 190) tal-ILO tal-2019**
Skambju ta' fehmiet

 6685/23

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-ILO Nru 190 dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, iggwidata minn Nota tal-Presidenza fid-dokument 6685/23.

 Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 7169/23**Dwar il-punt "A" nru 12:**

Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Maċedonja ta' Fuq (Skopje, 17 ta' Marzu 2023)
Stabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE

DIKJARAZZJONIJIET MILL-UNGERIJA**Ġestjoni tal-migrazzjoni**

"B'kont meħud li l-flussi migratorji illegali huma relatati mill-qrib ma' diversi forom ta' kriminalità organizzata, li huma ta' theddida għall-pajjiżi kollha u jeħtieġu approċċ komprensiv fl-indirizzar tal-flussi migratorji, l-Ungerija ssostni li l-ġestjoni tal-migrazzjoni għandha tinftiehem bħala t-trażżin tal-flussi mħallta ta' migrazzjoni fil-kuntest tal-Artikolu 79(1) TFUE, jiġifieri biss b'rispett sħiħ tal-oġettiv, minqux fih, għall-prevenzjoni ta', u miżuri msaħħa għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, kif ukoll id-dritt tal-Istati Membri kif stipulat fl-Artikolu 79(5) TFUE, li skontu d-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjoni ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi ma għandux jiġi affettwat. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-politika ġenerali tal-Ungerija li għandha l-għan li tillimita l-migrazzjoni illegali minflok ma tiġġestixxi l-fenomeni."

Ġeneru

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa bħala valur fundamentali fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fl-Artikolu 2 TUE u fl-Artikolu 8 TFUE. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' 'ġeneru' bħala referenza għas-'sess' u l-kunċett ta' 'ugwaljanza bejn il-ġeneri' bħala referenza għall-'ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa'."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa bħala valur fundamentali fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fl-Artikolu 2 TUE u fl-Artikolu 8 TFUE. F'konformità ma' dan u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' 'ġeneru' bħala referenza għal 'sess' u l-kunċett ta' 'ugwaljanza bejn il-ġeneri' bħala referenza għall-'ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel'."